# 66. Id-Dar tan-Ninfi

Żewġ ninfi ġo bosk aħdar
bil-liedna bnew id-dar;
mal-ġnub bil-bugonvilla
żewquha ħamra nar.

U kampanella xewku
ta' barra fuq il-bieb,
li ċċempel u ddoqq mota
kull meta jiġu l-ħbieb.

Ċumnija d-duħħan tieħu
għall-bejt minn ġol-fuklar,
u saqqu għoli għamlu
bil-fosdoq tat-tajjar.

Għamara bl-injam ħadmu,
bil-ward żewqu l-ħitan;
buqar tahom il-ġilju,
u kikkri t-tulipan.

Fid-dar għexu għal dejjem,
għax dawn ma għandhomx żmien,
bħall-bjuda fuq il-qamar,
u l-ilma tal-widien.